MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Numru 88/1996

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Raymond D'Anastasi)**

**Vs**

**Albert k/a Robbie Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni in ezami li biha Albert ossija Robbie Borg gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u f'dawn l-ahhar snin qabel l-10 ta' Gunju 1993 bhala direttur tal-Palm Court Hotel, Qawra, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq t'ilma, mill-fond Palm Court Hotel, Qawra, bhala d-detentur jew persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, ghad-dannu tal-

Korporazzjoni tas-servizzi tal-ilma, liema serq hu aggravat bil-mezz u hin. Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi volontarjament sadd il-kanna jew katusi ta' akwedott publiku, jew b'xi mod iehor zamm jew kisser il-mixi tal-ilma, inkella ghamel hsara xort' ohra f'xi parti ta' dan l-akwedott.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika wkoll l-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 4 ibid) u li biha ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.
Semghet lill-imputat jghid li ma ghandux oggezzjoni ghal din il- procedura (fol 7 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat d-dokumenti prodott mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu kif ukoll semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti ezebiti minnu.

Semghet it-trattazjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi fil-qasir u mill-provi prodotti, jidher li fl-10 ta' Gunju 1993, impjegati tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ghamlu spezzjoni tal-"meter" tal-ilma sitwat fil-lukanda hawn fuq imsemmija, liema "meter" kellu qari ta' 20,215 metri kubi izda kien wieqaf u ma jirregistrax il-konsum. Inoltre kien gie kostatat illi "….<u>qabel</u> il-"meter" tal-ilma kien hemm pompa tal-ilma" bil-"wire" ta' din jghaddi taht it-tapit tal-pixxina u ghalhekk b'perikolu potenzjali ghan-nies. In rigward l-ilma fil-pixxina, dan kien helu ossija ilma tal-vit. (ara l-"process verbal" tal-inkjesta a fol 14 sa fol 18 tal-istess atti). L-<u>espert tekniku</u> nominat u konfermat waqt l-inkjesta u dawn il-proceduri (ara fol 122 u fol 25 et seq ibid) kien ikkonstata, waqt l-access, illi taht il-bankina fit-triq u fejn kien ghaddej is-servizz tal-ilma, kien maqlugh. Inoltre fin-naha ta' gewwa tal-bitha tal-istess post kien hemm l-imsemmija <u>pompa</u> li kienet komunikata direttament ma' dan is-servizz li kien "tal-pulzier" kif ukoll

zewg "wires", wiehed diehel fil-hajt u jisbokka f'kamra fejn kien hemm pixxina waqt li l-iehor kien diehel f'appartament. Inoltre kien hemm "stop cock" imqabbad qabel il-"meter" kif kienet ukoll l-istess pompa u dan madwar hdax-il (11) pied. Konsegwentement, il-konsum tal-ilma ma' kienx qed jigi registrat avolja l-istess espert kien ikkonstata illi mill-kanna tal-ilma kien jinhass ilma ghaddej.

Ikkunsidrat

Illi Emanuel Cumbo (fol 45 et seq ibid) gie prodott in rigward stima li saret in konnessjoni ma' dan il-kaz. Dan issottometta illi f'dan il-kaz ma kienx possibbli illi jigi kalkolat l-uzu attwali ta' ilma (ara fol 48 ibid). Ghalhekk jidher li f'dan il-kaz saret stima ta' ilma mhux registrat ammontanti ghal Lm10 ("Lm10.00+") waqt li kien hemm spejjes involuti ammontanti ghal Lm110. Dwar l-istess punt, gie prodott l-Inginier Alexander Rizzo (fol 64 se seq ibid) li kien investiga u hadem l-imsemmija stima. Hu ssottolinea illi f'dan il-kaz, ma kienx hemm mezz sabiex "….nikkwantifikaw kemm kien l-imla allegatament misruq" u ghalhekk hadem u kkalkola l-figura ta' Lm10 ossija "…dak li jghidulu 'conservative value' a bazi ta' dak li jinghad fil-Kodici Kriminali in rigward serq taht jew fuq l-ghaxar liri. Dwar l-ispejjes indikati fl-istess dokument a fol 48 ibid, hu sostna li "…dawn huma spejjes li harget il-korporazzjoni…."

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta a fol 94 tal-atti illi d-difensur tal-istess Korporazzjoni kien iddikjara, fit-30 ta' April 2003, illi hi "…ma ghadx ghandha interess fil-prosegwiment tal-azzjoni kriminali".

Ikkunsidrat

Illi, "in difeza", l-akkuzat jsostni fix-xhieda tieghu, in atti, illi l-"meter" in kwistjoni kien twahhal fil-post mill-impjegati tal-istess Korporazzjoni u fejn sitwat jista' jintlahaq mit-triq (ara r-ritratt ezebit mill-istess akkuzat). Kull tant zmien, kienu jigu dawn l-impjegati sabiex jbiddlu l-"meter" tal-ilma u hadd minnhom ma kien informah dwar xi irregolarita'. In rigward il-pompa in kwistjoni, l-akkuzat jsostni illi din

kienet imwahhla qabel il-"meter" minhabba li l-istess impjegati tal-Korporazzjoni "…gieli wahhlu l-'meter' qabel il-pompa u gieli iwahhluh anki wara l-pompa". Dwar il-pixxina, ghal certu zmien kienet timtela b'ilma bahar u sussegwentement b'ilma sekondarju. L-ilma tal-"main" kien jintuza biss fil-kcina tal-Lukanda msemmija waqt li l-ilma provdut b' "bouser" kien jintuza fil-kmamar ghax hu orhos. Fl-ahharnett, hu qal illi "Ma niftakar xejn dwar kanna ta' l-ilma ghaddejja minn taht il-madum kif xehdu l-impjegati" u "…ma tajt(x) struzzjonijiet sabiex issir kanna ta' l-ilma taht il-madum" u dwar l-"stop cock" illi "…nghid li 'meter bil-fors irid ikollu wiehed" (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Christine Cachia</u> in atti, prodotta mill-akkuzat)

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi f'dan il-kaz, id-difiza ssollevat il-punt dwar jekk il-kaz in ezami hux <u>preskritt</u> jew le.

Illi, pero', kif akkuzat, is-serq in ezami, hu kwantifikat bil-mezz izda anke <u>bil-hin</u> u ghalhekk ma hux applikabbli dak li gie pronunzjat fis-sentenza citata mid-difiza u moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Rita Farrugia". Difatti l-artikolu 278 (1) u (2) jghid illi serq kwantifikat bil-mezz <u>biss</u> jista' jkun soggett ghal piena ta' progunerija sa massimu ta' tlett snin waqt li jekk akkumpanjat bi kwalita ohra oltre "il-mezz" jkun soggett ghall-istess massimu izda l-piena ma tinghatax fil-"minimum" taghha, li hi hames xhur. Ghalhekk skond l-artikolu 688(d) il-perjodu ta' preskrizzjoni f'dan il-kaz u <u>in rigward l-ewwel (1) akkuza</u> hu dak ta' hames snin soggett ghal dak li jinghad fl-artikolu 688(d), 691 u 692 ibid dwar il bidu taz-zmien tal-preskrizzjoni. In rigward it-tieni (2) akkuza, din, skond l-artikolu 326(1)(a) ibid, hi soggetta ghall-piena ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija u ghalhekk il-preskrizzjoni f'dan il-kaz hi soggetta ghat-trapass ta' hames snin ukoll skond l-artikolu 688(d) gja msemmi. F'dan il-kaz, ir-reati addebitati lill-akkuzat allegatament graw "qabel l-10 ta' Gunju 1993" kif hemm imnizzel fic-citazzjoni li inharget fl-17 ta' Jannar 1996 u giet iffirmata fid-19 ta' Jannar 1996 bl-ewwel seduta tinzamm fl-4 ta' Marzu 1996 (ara fol 3 tal-atti). Konsegwentement in vista li ma kienux skorrew il-hames

snin ta’ preskrizzjoni, din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-mertu, qed jigi notati u konsiderati s-segwenti fatti.

a) Mill-provi jrid jirrizulta, skond kif hemm imnizzel fl-artikolu 264(2) ibid (“presunzjoni fil-ksur ta’ kanni ecc”) illi nstabu “ksur ta’ kanni tas-servizz pubbliku” jew “l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma….jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-‘meter’ tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata” u dan sabiex tista’ tissussisti l-presunzjoni “juris tantum” kif hemm specifikata. F’dan il-kaz fil-fehma tal-Qorti l-presenza tal-pompa tal-ilma, imwahhla fid-data tal-access qabel il-‘meter’ tal-ilma minghajr provi li mahha kien hemm xi kanna tal-ilma li ma tghaddix mill-meter ma hiex sufficjenti sabiex wiehed jista’ jghid illi nstabet evidenza ta’ mezz qarrieq idoniu ghal konsum ta’ ilma illecitu jew sabiex tali konsum ma jkunx registrat. L-istess argument japplika ghal l-“stopcock” imsemmi.

b) Hu minnu illi l-Perit Tekniku ikkonstata waqt l-access illi kien ghaddej ilma mill-kanna tal-“main” izda dan il-konsum ma kienx qed jigi registrat. Pero’ tenut kont ta’ dak gja premess dwar in-nuqqas ta’ xi mezz qarrieq u ghalhekk fin-nuqqas tal-imsemmija presunzjoni kellu jigi pruvat mill-Prosekuzzjoni illi l-istess “meter” tal-ilma ma kienx qed jirregistra l-konsum attwali minhabba agir doluz da parti tal-istess akkuzat. Dwar dan il-punt, jidher, b’mod car illi l-provi huma manifestament insufficjenti ghal dan il-ghan.

c) Inoltre ma tistax ma’ ssirx referenza ghal mod arbitrarju u “ex parte” kif saret l-istima ta’ ilma allegatament mhux registrat. Filfatt ma jistax jinghad illi saret xi stima dwar dan izda semplicement inqal illi l-ilma allegatament mhix registrat kien jammonta ghal “Lm10+” u dan ghall-iskop uniku specifikat mix-xhud Alexander Rizzo (ara “supra”). Dan hu inaccettabbli specjalment tenut kont li trattasi ta’ kaz kriminali fejn il-provi tal-Prosekuzzjoni ghandhom

jkunu cari u certi sabiex il-Qorti tkun konvinta dwar il-htija ta’ persuna in konnessjoni mar-reati addebitati lilu.

d) Fl-ahhar nett u in rigward it-tieni (2) akkuza, din, presumibilment, tirreferi ghal fatt illi l-akkuzat kien wahhal l-imsemmija pompa u “stopcock” mal-“main” tal-ilma u ghalhekk ghamel hsara volontarja f’kanna tal-ilma ta’-“main”. Konsegwentement l-akkuzat ghandu jinstab hati ta’ din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-ewwel (1) akkuza u tilliberah minnha waqt li issibu hati tat-tieni (2) akkuza u dan talli f’dawn il-Gzejjer u f’dawn l-ahhar snin qabel l-10 ta’ Gunju 1993 bhala direttur tal-Palm Court Hotel, Qawra volontarjament sadd il-kanna jew katusi ta’ akwedott publiku, jew b’xi mod iehor zamm jew kisser il-mixi tal-ilma, inkella ghamel hsara xort’ ohra f’xi parti ta’ dan l-akwedott u dan skond l-artikoli 326(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena wara li l-Qorti kkonsidrat illi l-Korporazzjoni nvoluta iddikjarat illi ma kelliex aktar interess f’dan il-kaz (fol 94 ibid) kif ukoll illi mill-fedina penali tieghu (fol 25 ibid) hu kien instab hati, biss, ta’ reati ta’ natura kontravvenzjonali, il-Qorti hi konvinta illi ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li l-akkuzat ghandu jigi liberat minghajr ebda kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------